A.L. 92 ta' l-1980

ATT TA' L-1976 DWAR L-AWTORITA' TAD-DJAR (ATT NRU. XV TA' L-1976)

Ordni ta' l-1980 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1980 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Ordni Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att ta' l-1976 dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-7 ta' Novembru, 1980.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(a) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Fgura:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 45 tal-kejl ta' madwar 316-il metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' Triq Giacomo Matteotti u minn nofs in-Nhar ma' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 46 u 47 tal-kejl ta' madwar 491 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana parti ma' Triq Giacomo Matteotti u parti ma' Triq is-Sur, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' Triq is-Sur;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 48 tal-kejl ta' madwar 256 metru kwadru li tmiss minn Nofs in-nhar ma' Triq Mater Boni Consiglii, mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Majjistral ma' triq pubblika;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 49 tal-kejl ta' madwar 245 metru kwadru li tmiss minn Nofs in-nhar ma' Triq Mater Boni Consiglii, mil-Lvant ma' Triq is-Sur u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(b) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Gudja:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 33 sa 40 u 57 sa 62 tal-kejl ta' madwar 3403 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' triq pubblika;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 23 sa 26 tal-kejl ta' madwar 742 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u minn Nofs in-Nhar parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika u mill-Punent ma' triq pubblika;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 63, 64 u 65 tal-kejl ta' madwar 633 metru kwadru li tmiss mill-Majjistral u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Kapitlu tal-Katidral ta' l-Imdina.

(ċ) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' l-Iklin fil-limiti ta' B'Kara:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 10 sa 15 tal-kejl ta' madwar 1310 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar, mil-Lvant u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 16 tal-kejl ta' madwar 286 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 17, 18 u 19 tal-kejl ta' madwar 700 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 30 sa 38, 41, 107 sa 118 tal-kejl ta' madwar 5040 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant parti ma' proprjetà tal-Gvern u parti ma' triq pubblika;

(v) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 95 sa 106 tal-kejl ta' madwar 3100 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern.

(d) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Santa Lucia:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 212 tal-kejl ta' madwar 144.9 metri kwadri li tmiss minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tas-Sur Carmelo Dingli, mil-Lvant ma' triq pubblika u mill-Punent ma' proprjetà tas-Sur Ramon Xuereb;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 220 tal-kejl ta' madwar 214-il metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Ramon Xuereb u minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà pubblika;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plot* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plot* Nru. 236 tal-kejl ta' madwar 156 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tas-Sur Joseph Farrugia, minn Nofs in-Nhar ma' triq pubblika, u mill-Punent parti ma' proprjetà tas-Sur Joe Caruana Smith u parti ma' proprjetà pubblika.

(e) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Xbiex li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 41 u 42 tal-kejl ta' madwar 464 metru kwadru li tmiss mill-

Majjistral ma' proprjetà tas-Sur Salvino Testaferrata Moroni Viani u mil-Lbiċ u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(f) Biċċa art fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Farżina, Ħal Qormi li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 76 sa 83 tal-kejl ta' madwar 2134 metru kwadru li tmiss mill-Grigal, mill-Majjistral u mix-Xlokk ma' proprjetà tal-Gvern.

(ġ) L-art li ġejja li tagħmel parti mill-*Estate* tad-Djar tal-Gvern ta' Ħal Mula, f'Ħaż-Żebbuġ:

(i) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 77 u 78 tal-kejl ta' madwar 420 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' toroq pubbliċi mingħajr isem rispettivament;

(ii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 98 sa 102 tal-kejl ta' madwar 1401 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika mingħair isem u minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern;

(iii) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 114 sa 120 tal-kejl ta' madwar 1948 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika;

(iv) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 121 u 122 tal-kejl ta' madwar 636 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' triq pubblika;

(v) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 124 sa 126 tal-kejl ta' madwar 731 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika mingħajr isem, minn Nofs in-Nhar ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant parti ma' triq pubblika mingħajr isem u parti ma' proprjetà tal-Gvern;

(vi) Biċċa art li hi magħmula minn *plots* fl-imsemmi *Estate* magħrufa bħala *Plots* Nri. 127 sa 146 tal-kejl ta' madwar 5980 metru kwadru li tmiss mit-Tramuntana, minn Nofs in-Nhar u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern.

(ħ) Id-Djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern tal-Furjana:

(i) *Flat* numru 3, fi Blokk 1, Triq il-Fosos, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Furjana;

(ii) *Flat* Nru. 6, Bieb tat-triq mingħajr numru faċċata ta' triq ġdida fi Triq il-Fosos, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, il-Furjana.

(i) *Flat* numru 1, fi Blokk Ċ, *Flats* tal-Gvern fi Triq il-Ġdida, Ħal Luqa.

(j) Id-dar li għandha n-numru 19 fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, l-Imġarr, Malta.

(k) Id-dar numru 1 bil-*garage* imiss magħha, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Old Slaughter House Area, ir-Rabat, Malta.

(l) Id-dar li għandha n-numru 1, Area 3, *Estate* tad-Djar tal-Gvern f'Ta' Ġiorni, San Ġiljan.

(m) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, Santa Luċia:

(i) *Flat* numru 4, Blokk P, Triq Helen Buhagiar, Neighbourhood II, Santa Luċia;

(ii) Id-dar li għandha n-numru 134 fi Triq Helen Buhagiar, Santa Luċia;

(iii) Id-dar numru 9, Triq Dahlia, Santa Luċia;

(iv) Id-dar li għandha n-numru 22 fi Triq Daisies, Santa Luċia;

(v) Id-dar numru 4, Blossom Junction, Santa Luċia.

(n) *Flat* numru 2, Bieb 1, Blokk 5, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien.

(o) Id-djar li ġejjin fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex:

(i) *Flat* numru 1, Blokk E 5, Triq Abate Rigord, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex;

(ii) Id-dar li għandha n-numru 3 fl-*Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex;

(iii) Id-dar numru 8, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.

(iv) Id-dar numru 59, *Estate* tad-Djar tal-Gvern, Ta' Xbiex.